BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 07/08 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru 2008 fit-8.30am**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 06/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/10 -* Tressqet talba mingħand il-Fondazzjoni Suret il-Bniedem għal għajnuna finanzjarja. Il-Kamra qablet li tieħu l-istess *ruling* li ħadet għal Fondazzjoni Oasi fil-Laqgħa Nru. 06/08 u ma tilqax it-talba għar-raġuni li qed ikun hemm ħafna talbiet għal donazzjonijiet kif ukoll minħabba li r-riżorsi finanzjarji tal-Kunsill huma limitati.

*02/10 -* Il-MEUSAC twaqqfet biex ikun hemm kumitat ħalli jagħti informazzjoni lill-Kunsilli Lokali fuq fondi disponibbli mill-EU li jistgħu jibbenifikaw minnhom. Permezz tal-MEUSAC il-Kunsilli Lokali jibdew jirċievu informazzjoni speċifikament relatata ma' programmi ta' l-EU li jistgħu japplikaw għalihom. Hu meħtieġ li kull Kunsill Lokali jkollu persuna fi ħdanu li sservi bħala *EU Contact Person* bejn il-Kunsill u l-MEUSAC. T.Roberts offra li jkun hu l-*contact person* u J.Baldacchino issekondah. Kulħadd qabel minħabba l-fatt li T.Roberts diġa hu ntiż fuq is-suġġett.

## ***AĠENDA -3***

Il-Kamra ġiet innotifikata li qabel ma ssir laqgħa ma' 'Flimkien għal Ambjent Aħjar' dwar l-applikazzjoni għall-fondi mill-EU għar-restawr tar-Razzett li jinsab fi Triq Tal-Papa, irridu l-ewwel napplikaw għad-Devoluzzjoni tiegħu u wara li jgħaddi f'idejn il-Kunsill niltaqgħu magħhom. Il-Kamra qablet unanimament .

***AĠENDA -4***

Ġiet diskussa s-sistema tat-*telephones* li tintuża preżentement fl-uffiċini tal-Kunsill. Fil-preżent qed tintuża sistema normali bħal tad-djar u għalhekk ġie ssuġġerit biex jinġiebu kwotazzjonijiet għal sistema ta' *telephones* avvanzata li tinkludi l-ħtiġijiet għall-uffiċini. Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fis-Seduta li jmiss. Ġie diskuss ukoll il-manutenzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kamra qablet li għandu jsir kull tip ta' manutenzjoni meħtieġa biex l-uffiċini jinżammu fi stat tajjeb bħal tikħil, żeba' u tiswijiet.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xhur ta' Mejju, Ġunju u Lulju 2008. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġew approvati biex is-somom ta' €43157.60, €341362.85 u €40390.41 jitħallsu rispettivament skond Skedi Nru. 05/08, 06/08 u 07/08.

***AĠENDA -6***

1. T.Roberts spjega kif issa l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ħareġ mill-NRDA u daħal jagħmel parti mill-GAL tax-Xlokk. Issa wasalna fl-istadju li tinħoloq Fondazzjoni u jiġi ffirmat il-kuntratt fejn T.Roberts ser ikun il-firmatur li jirrappreżenta lill-Kunsill. Il-Fondazzjoni ser isservi biex kull membru jkun jaf fuq il-*grants* mill-EU għar-'Rural Development Plan/Projects'.

2. R.Zahra rrimarka li issa li l-Kunsill irċieva mill-MEPA id-dsatax il-punt biex jiġu emendati l-pjanti tal-proġett ta' Wied Il-Buni għandna nibagħtuhom kemm jista' jkun malajr ħalli l-proġett ikun jista' jingħata d-dawl aħdar mill-MEPA.

3. Għal sena oħra wasal iż-żmien biex jinħareġ il-fuljett tal-Kunsill. B.Pace talbet lill-Kunsillieri biex jiktbu artiklu għal dan il-fuljett u jgħadduh lill-amministrazzjoni sa l-aħħar ta' Novembru. B.Pace issuġġerit ukoll biex fil-fuljett ninkludu formola ta' applikazzjoni għal *youth exchange* biex nippruvaw nippromovu din l-*idea* liż-żgħażagħ tal-lokal. B.Pace għanda tipprovdi aktar informazzjoni dwar dan fis-Seduta li jmiss.

4. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ħadid fil-konkos li hemm wara l-*pitch* tal-*waterpolo*. Ser issir spezzjoni fuq il-post biex naraw x'hemm bżonn li jsir ħalli dan il-ħadid jitneħħa.

5. J.Baldacchino ġibed l-attenzjoni tal-Kamra dwar il-pagi taż-żewġ ħaddiema klerikali tal-Kunsill peress li ilhom snin ma jingħataw żieda . Il-Kamra talbet biex fis-Seduta li jmiss tiġi provduta l-informazzjoni dwar kif għanda tingħata din ir-rimunerazzjoni lill-impjegati *full-time* tal-Kunsill.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 29 ta' Ottubru 2008 fit-8.30am. .

.......................................... ..............................................

**Joseph Farrugia** **Maria Galea**

**Sindku** **Segretarju Eżk.**